# MEJJU

Xtaqt li waħda minn kull nisel
ta' kemm hawn ilewwen ward,
u minn kull ħaxixa, fergħa
li trodd fwieħa fuq wiċċ l-art,

u daw'l-lwien ta' ward u ħxejjex
ta' kull fwieħa jiena nlaqqa';
u tiżwiqa f'ħodon wieħed
"lwien u fwieħa" norbot f'daqqa

u nagħtihom lil Marija
biex ġe ħdanha fis tilqagħhom !
Żgur li tgħożżhom, tifraħ bihom :
għaliex Binha kien żeragħhom !
Hu sawwarhom ! Hu saqqihom !
Hu kabbarhom u fewwaħhom !

R. M. B.

Mejju.

Is-sur R.M.B. talabna ngħarrfu li l-aħħar kliem ta' l-artikolu tiegħu fuq *is-Sena u d-dawrien tad-Dinja max-Xemx* fl-aħħar ħarġa tagħna (p. 7) iridu jkunu "13-il-jum warajna".